MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2123/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittjiet tal-assikurat taghha Guzeppi Chetcuti ghan-nom u in rapprezentanza ta' Austria Tabak (Malta) Limited abbazi tal-polza tal-assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Guzeppi Chetcuti nomine**

**vs**

**Grazio Vella**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u seba' liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm407.43) rapprezentanti danni sofferti mill-attur Guzeppi Chetcuti nomine u li ghalihom

ghamlu tajjeb is-socjeta’ attrici kwantu ghas-somma ta’ Lm382.43 u kwantu ghall-ammont ta’ Lm25.00 l-istess Guzeppi Chetcuti nomine in linea ta’ excess payment, bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta’ Awissu 2002 ghall-habta tal-10.30am gewwa Triq Gorg Borg Olivier, il-Mellieha bejn il-vettura propjeta’ tal-attur Guzeppi Chetcuti nomine bin-numru tar-registrazzjoni GAF 203 u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAD 564 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

BL-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra uffiicjali tas-6 ta’ Gunju 2003, tal-ittra ufficjali li giet prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, u bl-interessi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Gunju 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Rsiposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-konvenut Grazio Vella mhux responsabbli ghall-incident riferit fl-Avviz li gara fi Triq Gorg Borg Olivier, il-Mellieha fis-27 ta’ Awissu 2002 u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, il-quantum qed jigi kkontestat.

Sema’ x-xhhieda ta’ PC 1403 Anthony Spiteri, ta’ Anthony Savona, ta’ John Cachia, ta’ Emanuel Gatt u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-crikostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partiijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fis-27 ta’ Awissu 2002, fi Triq Gorg Borg Olivier il-Mellieha bejn il-vann bin-numru tar-registrazzjoni GAF 203 misjuq minn John Cachia, propjeta’ tal-attur Guzeppi Chetcuti nomine u assikurat taht polza tat-tip comprehensive mas-socjeta’

attrici u t-trukk bin-numru tar-registrazzjoni FAD 264 misjuq mill-konvenut.

John Cachia xehed li fid-data tal-ncident huwa kien qed isuq il-vann bin-numru tar-egistrazzjoni GAF 203 fi Triq Gorg Borg Olivier, il-Mellieha, gej mid-direzzjoni tal-Ghadira u tielgha t-telgha. Meta wasal hdejn La Salita Hotel it-trukk misjuq mill-konvenut hareg bir-reverse minn fuq il-pont man-naha tax-xellug tieghu u laqtu bin-naha ta' wara tat-trukk fuq in-naha tax-xellug tal-vann min-nofs lura. In kontro-ezami Cachia spjega li meta kien tielgha t-telgha huwa kien ra l-vann tal-konvenut wieqaf quddiem il-lukanda La Salita u b'wiccu l-gewwa jhaares lejn ix-xatt.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident huwa kien fil-kabina tat-trukk bin-numru tar-registrazzjoni FAD 564 qed jistenna lil shabu jhottu xi ghodda f'La Salita Hotel meta f'daqqa wahda sema' hoss, nizel mit-trukk u sab vann mahbut mieghu. Huwa jsostni li t-trukk tieghu kien wieqaf daqxejn skuntrat u skond hu kien ghal din ir-raguni li l-vann misjuq minn Cachia habat mal-kantuniera ta'' wara tan-naha tax-xellug. Huwa gie muri l-sikizz esebit a fol. 22 tal-process u qal li jaqbel mal-posizzjoni tal-vettura tieghu kif indikata fl-iskizz. Il-konvenut isostni li kien ilu madwar ghaxar minuti wieqaf fil-posizzjoni indikata fl-iskizz u ssotna li l-vann tieghu jahgmel hoss meta jirriversja. Huwa jghhid ukoll li kien parkeggjat b'dak il-mod ghaliex kien hemm vetturi parkeggjati kemm quddiemu kif ukoll warajh u huwa indika fuq l-iskizz il-posizzjoni ta' dawn il-vetturi parkeggjati. Dejjem skond il-konvenut fil-hin tal-incident kien hemm traffiku tielgha u niezel u l-mod li huwa kien parkeggjat setghu jaarawh kemm vetturi telghin kif ukoll vetturi niezlin.

It-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti dwar kif sehh l-incident, John Cachia qed jghid li li huwa kien tielgha t-telgha u f'daqqa wahda it-trukk misjuq mill-konvenut irriversja minn fuq il-pont u laqtu bil-ponta ta' wara tax-xellug fuq in-naha tax-xellug tal-vann tieghu mill-bieba lura filwaqt li l-konvenut isostni li huwa kien wieqaf u kien ilu hekk wieqaf ghal ghaxar minuti u kien Cachia li dahal fih. Il-konvenut produca bhala xhud lil Emanuel Gatt

li kien wiehed mill-haddiema li kienu qed ihottu l-ghodda f'La Salita Hotel izda apparti l-fatt li dan ix-xhud ikkonferma li t-trukk tal-konvenut jaghmel hoss meta jirriversja u li huma kienu qed ihottu l-ghodda, huwa ma qabilx mal-konvenut f'aspett ferm rilevanti. Dan ix-xhud fil-fatt qal li t-trukk tal-konvenut kien parkeggjat aktar il-gewwa u cioe' aktar lejn l-isplay li hemm fil-kantuniera mentri l-konvenut qabel mal-posizzjoni tat-trukk tieghu kif jidher fl-iskizz. Inoltre dan ix-xhud ma semma xejn dwar il-vetturi parkeggjati li indika l-konvenut. Fil-fehma tat-Tribunal il-posizzjoni tal-vetturi nvoluti fl-incident kif indikata fl-iskizz kif ukoll il-hsara riportata fil-vann ta' Cachhia ikkoroboraw pjenament il-verzjoni dwar kif sehh l-incident moghtija minn Cachia. Kif intqal aktar il-fuq il-hsara riportata fil-vann ta' Cachia kienet fiz-zaqq tan-naha tax-xellug. Dan jindika li li t-trukk misjuq mill-konvenut ma setghax kien wieqaf fil-mument tal-impatt ghaliex altrimenti il-hsara fil-vann ta' Cachia ma kienitx tkun fil-genb tax-xellug lejn in-nofs izda fil-ponta ta' quddiem jew mal-faccata. Kieku verament it-trukk tal-konvenut kien wieqaf fil-mument tal-impatt Cachia zgur li kien jarah hekk wieqaf u ma kienx jolqtu bil-genb tax-xellug min-nofs tal-vann lura. Inoltre jrid jigi rilevat li l-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut kif indikata fl-iskizz tindika li huwa kien in motion ghaliex difficilment wiehed jjifhem kif huwa seta' jieqaf ghal zmien sotanzjali fl-posizzjoni daqshekk perikoluza gha-ttraffiku tielgha l-fuq. Huwa prova jiggustifika dan il-fatt billi qal li kellu jipparkeggja b'dan il-mod minhabba vetturi ohrajn li kien hemm parkeggjati fit-triq izda t-Tribunal jidhrilu li din it-tezi m'hijex verosimili u dan ghal zewg ragunijiet;-

1. 'A temppo vergine l-konvenut ma semma xejn dwar dawn il-vetturi parkeggjati u inoltre l-istess vetturi m'humiex riportati fl-iskizz imhejji mis-surgent li nvestiga l-kaz.
2. Ix-xhud pprodott mill-konvenut ma semma xejn dwar dawn il-vetturi parkeggjati.

Inoltre t-Tribunal huwa tal-fehma li l-fatt li l-konvenut u x-xhud minnu prodott, u cioe' Emanuel Gatt, m'humiex qed jaqblu dwar il-posizzjoni li allegatament kien parkeggjat it-

trukk tal-konvenut hija indikazzjoni ulterjuri li fil-fatt l-istess vann ma kienx wieqaf fil-mument tal-impatt.

Ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident de quo peresss li huwa qabad u rriversja u laqat il-vann misjuqa minn John Cachia waqt li dan tal-ahhar kien qed jipprocedi ghall-affari tieghu fit-triq principali.

Ghalkemm fit-tieni eccezzjoni minnu sollevata fir-Risposta tieghu il-konvenut ikkontesta l-quantum tad-danni reklamati mill-atturi, huwa fl-ebda stadju ma ressaq provi sabiex jirribatti l-provi prodotti mill-atturi in sostenn tat-talba taghhom ghad-danni. Mis-survey reporrt u mill-ircevuti minnhom esebiti jidher li d-danni reklamati mill-atturi huma perfettament kompatibbli mad-dinamika ta’ kif sehh l-incident mertu tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u seba’ liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm407.43), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’’ din l-sitanza, inkluzi dawk tal-ittra uffiicjali tas-6 ta’ Gunju 2003 u dawk tal-ittra ufficjali li giet prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------